MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2024

Appell Inferjuri Numru 18/2023 LM

**Josianne Abela (K.I. nru. 364280(M))**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat id-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-2 ta' Ġunju, 2023, numru 208/2023 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru maħtur *ai termini* tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li permezz tagħha ddeċieda li jilqa' l-appell tar-rikorrenti

**Josianne Abela (K.I. nru. 364280(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’], filwaqt li ddikjara nulla u mingħajr effett id-deċiżjoni tal-appellant tat-8 ta’ Novembru, 2018.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni msemmija fejn id-Direttur Ġenerali appellant fit-8 ta’ Novembru, 2018 informa lill-appellata li hija ma kinitx intitolata aktar għall-Għajnuna Medika (SKA) għaliex ma kienx sodisfatt li l-kapital tagħha ma kienx jeċċedi l-€14,000. Dan sar wara li minn investigazzjoni fejn kien ġie eżaminat t-*Taxpayer Profile* tagħha, irriżultalu li fis-snin 2016 u 2017 hija kienet involuta f’tliet tranżazzjonijiet ta’ bejgħ ta’ diversi proprjetajiet fejn kellha sehem indiviż.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellata appellat minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru fit-20 ta’ Novembru, 2018, fejn ikkontestat id-deċiżjoni tal-appellant, filwaqt li kkonfermat li hija ma kellhiex assi li kienu jeċċedu €14,000, u li parti mill-flejjes li hija kienet wirtet kienet ħallset id-djun u spejjeż oħra sabiex b’hekk hija kellha madwar €7,000.

4. L-appellant wieġeb fit-27 ta’ Awwissu, 2019 fejn huwa wkoll spjega ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, filwaqt li sostna li l-appell kellu jiġi miċħud.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Konsiderazzjonijiet***

*Il-kwistjoni għalhekk hija l-interpretazzjoni fattwali ta' dak li setgħet għamlet l-appellanti mill-flejjes li daħlet mill-bejgħ tal-proprjetajiet imsemmija. Dawn jammontaw għal €75,303.*

*L-intimata wara li l-appellanti esebiet id-dokumentazzjoni fuq riferita reġgħet eżaminat il-każ iżda baqa', skont id-Direttur, il-kweżit fuq ammont ta' €45,000.*

*Meta tgħodd il-kwart u terz rimanenti jibqa' li l-appellanti kellha f'idejha €75,303. Huwa minnu però wkoll li l-bejgħ sar fis-snin 2016/2017 u għalhekk hemm ċertu kalkolu li jrid isir fuq medda ta' ċirca ħames snin. Dan iwassal għal figura ta' €15,060 fis-sena li l-appellanti setgħet tonfoq. Dan kien iġib li fis-sena l-appellanti, bħala* average*, kellha f'idejha wara l-infiq ċirca elf ewro l-fuq mill-kapital stabbilit fil-liġi li huwa ta' €14,000.*

*Il-Bord irid jara għalhekk jekk fuq bilanċ ta' provi l-fatti jimmilitawx favur l-appellanti. Il-Bord irid jifhem u jaċċetta wkoll li mhux soltu li persuni jżommu riċevuti ta' nfiq kontinwu ta' dak li jinxtara kuljum fuq medda ta' snin u għalhekk assenza ta' figura ta' €45,000 (kif indikat mid-Direttur) huwa, jidhirlu l-Bord, aċċettabbli tenut kont anzi ta' kif dan il-Bord għandu jiġġudika.*

Paul Vassallo vs C. Pace, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986), "Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet.

*Għalhekk it-Tribunal irid jara fejn jaslu l-preponderanza tal-probabiltajiet. Hija l-fehma tat-Tribunal illi dawn jimmilitaw favur l-appellanti.*

*Għaldaqstant l-Arbitru jilqa' l-appell u jiddikjara d-deċiżjoni tad-Direttur tat-8 ta' Novembru 2018 fuq imsemmi bħala null u bla effett."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-13 ta' Lulju, 2023 fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tat-8 ta' Novembru, 2018, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellata. Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li d-deċiżjoni appellata kellha motivazzjonijiet legalment u fattwalment żbaljati.

7. L-appellata wieġbet fil-11 ta' Awwissu, 2023 fejn issottomettiet li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u għalhekk għandha tiġi kkonfermata.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-uniku aggravju li qiegħed iressaq l- appellant, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata, u s-sottomissjonijiet tal-appellata.

9. L-appellant jistqarr li huwa jinsab aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex il-motivazzjonijiet li ta l-Arbitru kienu legalment u fattwalment żbaljati, li wassluh għal konklużjonijiet manifestament żbaljata. Jirrileva li d-deċiżjoni tad-Dipartiment kienet ittieħdet fit-8 ta' Novembru, 2018, jew ftit inqas minn sena wara li kien sar l-aħħar kuntratt ta' bejgħ fit-2 ta' Ottubru, 2017, u l-Arbitru kien tenut jikkunsidra jekk id-deċiżjoni kienet waħda ġusta fiż-żmien li ttieħdet. Jirrileva wkoll li l-Arbitru ddeċieda bl-istess mod it-tliet appelli tal-appellata meta d-deċiżjonijiet tiegħu kienu ttieħdu f'żminijiet differenti, u għalhekk kellhom jiġu kkunsidrati separatament. L-appellant jispjega li hekk kif kienet qiegħda tiġi mistħarrġa l-applikazzjoni tal-appellata, instab li l-appellata kienet

dehret fuq tliet kuntratti ta' bejgh bejn Marzu 2016 u Ottubru 2017, fejn sehemha mir-rikavat kien ta' madwar €75,000. B'hekk jgħid li dan kien ifisser li l-assi kapitali tagħha kienu jaqbżu l-limitu stabbilit fil-liġi ta' €14,000, u peress li l-appellata għalhekk kellha madwar €61,000 iktar mil-limitu stabbilit fil-liġi, id-Dipartiment kien ċaħad l-applikazzjoni tagħha. L-appellant jissottometti li l-Arbitru żbalja meta kkunsidra provi li ma kienux jeżisti fil-ħin li huwa kien ħa d-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tal-appellata, għaliex l-irċevuti li kopja tagħhom ġiet esebita kienu fir-rigward ta' oġġetti u servizzi li ġew akkwistati mill-appellata fis-snin 2019 u 2020, meta l-mertu kien jirrigwarda d-deċiżjoni tiegħu tat-8 ta' Novembru, 2018. Jgħid li m'hemm xejn li jikkuntradixxi l-argument tiegħu li permezz tal-kuntratti in kwistjoni, l-appellata kellha madwar €75,000 fi flus kontanti, u ma ressqet l-ebda prova dwar l-ispejjeż tagħha f'dan iż-żmien u wisq inqas ta' kif hija kienet taħt il-limitu ta' €14,000. Jgħid li għalhekk ma kien hemm xejn x'jikkontradixxi l-fatt li hija kellha madwar €75,000 mingħajr prova tal-ispejjeż f'dak iż-żmien partikolari.

10. L-appellata tirrileva qabel xejn li l-appell odjern jirrigwarda punt ta' fatt, u tiċċita dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Kris Borg bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera S.A.T.A. SRL *vs.* Air Malta Company Limited,** li qorti tal-appell ma twarrabx faċilment l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet qorti tal-ewwel istanza, sakemm ma jirriżultawx raġunijiet gravi u serji biżżejjed li jitolbu għal dan. Tinsisti li mill-flus rappreżentanti sehemha mill-prezz tal-bejgħ tal-proprjetà li hija wirtet, kienet għamlet diversi xogħlijiet fid-dar fejn toqgħod ma' bintha minuri sabiex trendih abitabbli. Tgħid li quddiem l-Arbitru hija kienet spjegat kif m'għandhiex irċevuti ta' kollox għaliex il-ħaddiema ma kienux tawha rċevuti, u

anki għaliex uħud mill-ispejjeż li hija seta' kellha rċevuti tagħhom ma baqgħetx iżżomm l-irċevuti tagħhom. L-appellata spjegat ukoll li hija kienet *single mother* u dejjem mantniet lilha nnifisha u lil bintha minuri waħedha u hija kienet ippreżentat irċevuti quddiem l-Arbitru sabiex turi bejn wieħed u ieħor l-ispejjeż tagħha ta' kuljum. Tissottometti li minn meta twaqqfu l-benefiċċji soċjali sallum, hija ma kellha l-ebda dħul u għalhekk kellha tissellef mingħand ħutha jew terzi sabiex tmantni lilha nnifisha u lil bintha. Saħansitra parti mill-flus li wirtet kellha tagħtihom lil terz li sselfet mingħandu sabiex tkun tista' tgħix. L-appellata tikkontendi li l-appellant ma kienx qed ikun realistiku meta jsostni li ma setax ikun minnu li l-flus in kwistjoni nefqithom għall-ħajja u għal xogħlijiet fid-dar fejn hija tgħix mal-minuri bintha, u dawn f'affarijiet sempliċi sabiex tassigura ħajja dinjituża. Tissottometti li l-Arbitru kien realistiku fil-konfront tagħha, u li l-kwistjoni kienet dwar €61,000 oltre l-ammont li titlob il-liġi. Tispjega li mill-proprjetà ta' Ħal Tarxien ma kien fadlilha xejn għaliex il-flus talbuhomlha z-zijiet tagħha sabiex jagħmlu tajjeb għal dak kollu li huma kienu nefqu fir-rigward ta' missierha meta dan kellu problemi serji f'ħajtu. Barra minn hekk, ma kienx irriżulta li hija kienet għamlet xi spiża kbira jew li għexet ħajja lussuża wara d-data tad-deċiżjoni tal-appellant f'Novembru 2018, u dan proprju għaliex ma kellix iżjed minn €14,000 f'idha. Tispjega li hija kienet nefqet il-flus fuq il-bżonnijiet ta' kuljum, u biex hi u t-tifla jkollhom post dinjituż fejn jirrisjedu. Hawnhekk l-appellata tirrileva li ma kien sarilha l-ebda kontro-eżami dwar dak li xehdet quddiem l-Arbitru, u dan fejn l-appellant qed jikkontendi li l-verżjoni tagħha ma kinitx waħda kredibbli.

11. Il-Qorti tikkunsidra li huwa minnu li qorti tal-appell toqgħod lura milli twarrab l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet qorti tal-ewwel istanza, u fil-

każ odjern l-Arbitru li ddeċieda l-appell tal-appellata fil-konfront tad-deċiżjoni tal- appellant. Iżda wara li rat l-atti, tikkunsidra wkoll li l-appellata tassew naqset milli tressaq provi sufficjenti u konvinċenti sabiex tistabbilixxi li hija kienet nefqet, kif qiegħda tallega, il-flus riċevuti mill-prezz tal-bejgħ tal-proprjetajiet li s-sehem tagħha ppervjena lilha permezz ta' wirt. Tosserva li waqt is-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2021 fil-każ nru. 547/18 fejn id-deċiżjoni tal-Arbitru tinsab appellata wkoll quddiem din il-Qorti u l-appell qiegħed jinstema' kontestwalment, l-istess Arbitru kien ordna lill-konsulent legali tagħha sabiex *"...jipprepara elenku tal-irċevuti preżentati minnu u f'tali elenku jrid jindika spejjeż ma' xogħlijiet tal-post f'B'Buġia kif ukoll jikklassifika spejjeż quo ordinarji, straordinarji u spejjeż kapitali",* iżda ċertament id-dokument esebit ma jistax jingħad li jirrifletti dak li kien ġie mitlub li jsir, u bl-ebda mod ma jispjega fejn intefqu l-flejjes in kwistjoni. L-istess jingħad għall-kopji tal-irċevuti esebiti, li jonqsu milli juru kif intefaq l-ammont ikkontestat ta' €45,943, u dan filwaqt li tirrileva li l-appellata ma ppreżentat l-ebda rendikont bankarju li kif sewwa jgħid l-appellant seta' jispjega kif dan l-ammont intefaq matul is-snin.

12. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-aggravju tal-appellant huwa ġustifikat u għalhekk tilqgħu.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqgħu, u tħassar id-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tat-8 ta' Novembru, 2018.**

**Bl-ispejjeż kollha kontra l-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**